# Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsa

## Minuti

## L-Għaxar Leġislatura

**Laqgħa numru 09**

**5.00p.m 10 ta' Diċembru 2024**

**Preżenti**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Luke Farrugia | Sindku. |
| Is-Sinjura Gloria Aquilina | Kunsillier |
| Is-Sur Anthony Meilak | Kunsillier |
| Is-Sur Domenic Spencer | Kunsillier |
| Is-Sur Joseph Cachia | Kunsillier |

**Assenti b'Apoloġija**
Viċi Sindku Sur Josef Azzopardi
Il-Kunsillier Sur Joe Scerri
**Assenti**

Ħadt

**Uffiċċjal Preżenti**

Mariella Strout - Deputat Segretarju Eżekuttiv

**Is-sindku Luke Farrugia fetaħ il-laqgħa fil-ħamsa ta' fil-għaxija.**

**09.1 Qari tal-ittri t'apoloġija;**

Il Viċi Sindku Josef Azzopardi informa li jinstab indispost
Il-Kunsillier Joe Scerri jinsab imsiefer

**09.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti.**

Is-Sindku ressaq il-Minuti ta' numru tmienja (8) laqgħa tal-Kunsill għal din il-leġislatura, li ġew iċ-ċirkolati minn qabel. Għaldaqstant il-minuti ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

**09.2.1** Wara mozzjoni mressqa mis-Sindku u s-sekondat mil-Kunsillier Gloria Aquilina, il-membri tal-Kunsill approvaw b'mod unanimu l-Minuti msemmija.

**09.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;**

**09.3.1 Regional IT Maniġer Marsa on Site Visit**

Is-Sur Abela ta' spjegazzjoni dettaljata tax-xogħol li għamel fuq in-network cabinet tal-Kunsill. Min naħa tiegħu elimina ħafna devices u wires li ma kienx għad hemm użu għalihom sabiex titnaqqas il-konfuzjoni li kien hemm. Ħadem sabiex ikun hemm aktar sigurta' fuq l-elettriku biex jitnaqqas il-periklu. Apparti x -xogħol li sar fuq in-network cabinet ġiet installata sistema sabiex id-Day Care Centre ikollu aċċess għal Wi fi aktar b'saħħtu. Ġew ukoll ikkonnettjati it-televisions.

Il-Kunsill ikkunsidra ix-xogħol li għamel l-IT Maniġer ta' Reġun u irringrazzjaħ ta' l-intervent tiegħu, li b'hekk Day Centre għandu aċċess għal WIFI kif ukoll naqqas periklu kien hemm fil-kabinett.

**09.3.2 Permit għal Kiosk**

Persuna li għandu permess bħala street hawker u qed jitlob lill-Kunsill permess sabiex jagħmel Kiosk ħdejn Kawax Ltd , Qasam Industrijali.
Il-Kunsill tenna li din iz-zona ma hiex f'responsabiltà tal-Kunsill. Irrakkomanda li il-persuna jikteb lil INDIS.

**09.3.3 Komunikazzjoni dwar it-tqassim tal-Wheelie Bins fl-akkwata tal-Korsa**

Is-Sindku informa li waqt l-ewwel sessjoni li l-Kunsill kellu nhar il-Ħamis 28 ta' Novembru tqassmu 131 wheelie bins. Peress li għad fadal aktar sidien taż-Żwiemel li jridu jirreġistraw sabiex jieħdu l-bins il-Kunsill irid isib data oħra sabiex issir it-tieni sessjoni tat-tqassim.
Il-Kunsill qabel li tqassim li jmiss issir f'għal nofs Jannar 2025. Sadanittant is-Sindku għandu jmur Equidrome sabiex jitkellem ma sidien ta' żwiemel.

**09.3.4 Komunikat Allokazzjoni ta' fondi Milied**

Is-Sindku informa li il-Kunsill kien rċieva kommunikat mingħand il-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar fejn infurmaw li l-proposta tal-Kunsill ġiet aċċettata. Il-Kunsill ser jibbenefika mill-ammont ta' 2000 Ewro fuq l-ispiża globali marbuta mal-inizjattiva Milied 2024.
Il-Kunsill irringrazzja li Kunsill Reġjonali Nofsinhar.

**09.3.5 Claim rigward ħsara fuq karrozza**

Is-sindku informa li rċieva talba mingħand persuna fejn talbet kumpens wara li kellu inċident bil-karrozza minħabba li kien hemm ħofra f 'triq. Il-kumpens mitlub huwa ta' 130 euro relatat ma tyre imqatta' b'konsegwenza ta' l-inċident.

Wara li Kunsill ikkunsidra it-talba ġie deċiż li jintalab ir-rapport tal-pulizija u ritratt ta' l-inċident bħala prova. Meta jiġu preżentati dawn dokumenti il-kunsill jieħu deċiżjoni neċessarja.

**09.3.6 Talba mingħand grupp ta' żfin**

Is-Sindku nforma li kien rċieva rikjest mingħand kumpanija ta' żfin sabiex tibda tagħmel użu mis-sala tal-Kunsill sabiex tipprattika żfin meta tkun ix-xita.

Il-Kunsill ikkonsidra din it-talba u ġie deċiż li issiru iktar verifiki fuq min qed jagħmel it-talba. Tqajjem ikoll il-fatt li hemm rabta ta' min ser ikun preżenti waqt li jkun qed issiru dawn is-sessjonijiet biex jinfetaħ il-post u jingħalaq wara il-ħin ta' xogħol. Kien hemm qbil li dan is-suġġett jerġa jiġi kunsidrat.

**09.3.7 Inizjattiva Rigal b'mħabba**

Il-Kunsillier Domenic Spencer fakkar li 20ta' Diċembru 2024 ser issir l-attività Rigal b'Imħabba. Huwa ippropona sabiex jinxtraw numru ta' rigali sabiex jingħataw għal din li inizjattiva u jiġu preżentati mis-sindku u il-Kunsilliera dak inhar.

Il-Kunsill qabel.

**09.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

**09.4.1** Il-Kunsillier Domenic Spencer qal li kien irċeva rikjest mingħand il-komunità Indjana sabiex jorganizzaw attività bħal xi clean up sabiex juri apprezzament tagħhom lejn il-lokalita.

Il-Kunsill irringrazzja lil din il-kommunita ta' dan il-ġest.

**09.4.2** Il-Kunsillier Gloria Aquilina tennient l-importanza li l-Kunsill jkollu Facebook Page attiva

Is-sindku sostna li kien qed jara il-possibbiltà kif tiġi krejata paġna ta FB li mhux bilfors tkun marbuta ma FB ta' persuna oħra imma tkun indipendenti .

Il-Kunsill qabel.

**09.5 Rapporti**

Ma kienx hemm rapport

**09.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagament**

Is-Sindku ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti bin-numru ta' referenza 12/24 li ġew iċ-ċirkolati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.

09.6.1 Wara mozzjoni mressqa min proponent Kunsillier Joseph Cachia u sekondat Kunsillier Gloria Aquilina il-kunsill approva unanimament il-ħlasijiet indikati fl-iskeda tal-pagamenti.

**09.7 Item: Ħatra ta’ Bord għal Evalwazzjoni ta’ Tenders**

Is-sindku Luke Farrugia spjega lil Kunsill li sabiex jitkompla il proċess ta’ l-aġġudikazzjoni ta’ tenders kien hemm bżonn jiġi approvat Bord ġdid. Qed jiġi propost li membri ta’ dan il -Bord ikun komposti min Sur Christopher Falzon, Ing Jose Maria Aguis, Sa Maria Magri u Sa Dulcie Gauci, Sa Mariella Strout, Sur Matthew Mallia u Sur Nicholas Spiteri, kif ukoll persuni oħra li jkun hemm bżonn il-parir tekniku tagħhom.

Il-Kunsill approva il-persuni rakkomandati, u l-intervent ta’ persuni tekniċi fejn ikun hemm il-ħtieġa

**09.8 Mozzjonijiet**
**Ma kienx hemm**

**09.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss;**

Il-laqgħa ntemmet fis-6.00pm u ġiet aġġornata għal Erbgħa 22 ta’ Jannar 2025 fl-5.00 pm fil- bini amministrattiv tal-Kunsill.

IFFIRMATA

Luke Farrugia
Sindku

IFFIRMATA

Mariella Strout
Deputat Segretarju Eżekuttiv